MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 18/2011/1

**Richard Cranston**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija,**
**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent appellanti Richard Cranston minn sentenza moghtija fl-1 ta’ Gunju, 2011 mill-Prim’awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali

taghha u li cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

*Ir-rikors promotorju tal-gudizzju*

Bir-rikors tieghu tal-15 ta' April 2011, ir-rikorrent appellanti talab lill-ewwel Onorabbli Qorti (1) tiddikjara li jekk ir-rikorrent jigi deportat lejn l-Italja f'dan l-istadju ser jigu lezi d-drittijiet tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bnidedem (2) tiddeciedi u tipprovdi billi li ma ghandux jigi deportat *a finche* ma jkunx hemm ezitu definittiv fi proceduri ulterjuri illi huwa ghandu quddiem il-Qrati Maltin (3) taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali u inerenti tar-rikorrent.

Il-premessi fir-rikors promotorju tal-gudizzju li fuqhom ir-rikorrent appellant ibbaza t-talbiet tieghu huma s-segwenti:

"Illi huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Istruttorja sabiex din il-Qorti tinvestiga il-hrug ta' mandat ta' arrest ewropew mahrug fil-konfront tieghu mill-awtoritajiet gudizzjarji ta' Catania, fi Sqallija;

"Illi in effetti it-talba sabiex l-esponent jigi estradit lura l-Italja saret minhabba illi kien gie kkundannat ghal piena karcerarja mill-Qorti ta' hemmhekk;

"Illi ir-rikorrent ma kkontestatx it-talba ta' l-awtoritajiet gudizzjarji Taljani pero quddiem il-Qorti ta' Malta issottometta li hu ma kellux jigi deportat a finche proceduri ulterjuri li hu ghandu quddiem il-Qrati Maltin jigu finalment decizi, illi il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet li ir-rikorrent kellu jigi deportat immedjatament u li l-proceduri ulterjuri li ghandu f'Malta kellhom jissoktaw wara li huwa jkun skonta definittivament il-piena karcerarja li kellu l-Italja;

"Illi ghandu jinghad li attwalment il-proceduri quddiem il-Qrati Maltin jinsabu differiti ghal-provi tar-rikorrenti;

“Illi ir-rikorrenti ghandu xi xhieda xi jtella’ fosthom dawk xhieda barranin;

“Illi naturalment jekk il-proceduri tieghu jigu sospizi f’dan l-istadju ser ikun ferm difficli ghall-esponent sabiex iressaq dawn ix-xhieda li fil-probabilita kollha ikunu irritornaw lura lejn pajjizhom;

“Illi in oltre l-esponent ghandu il-jedd ghall-process gudizzjarju fi zmien ragjonevoli u li dan id-dritt jista’ jigi lilu negat billi l-process tieghu jigi sospiz ghal numru ta’ snin sakemm hu jiskonta l-piena fl-Italja;

“Illi konsegwetement hu qed jintavola dawn il-proceduri fit-termini ta’ l-artikolu 16 tal-Kap. 27 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Illi hu jilmenta li d-decizjoni mehuda mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ gudikatura Kriminali ser tilledilu id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem”

*Ir-risposta tal-intimati*

Permezz ta’ risposta tas-26 ta’ April 2011, l-intimati appellati wiegbu illi minn qari tar-rikors promotur huwa manifest illi r-rikrorrent ma ghandu ebda drittijiet fundamentali x’jittutela u ma hemm ebda lok li jressaq ir-rikors li ressaq hlief biex itawwal u jabbuza bil-process gudizzjarju u ghar-ragunijiet migjuba fir-risposta taghhom talbu lill-Qorti biex tichad ir-rikors u tiddeciedi li r-rikors huwa frivolu u vessatorju bl-ispejjez kontra r-rikorrent Cranston.

Ir-ragunijiet migjuba fir-risposta tal-intimati appellati jistghu jigu riassunti kif gej:

(1) Il-Qorti Rimandanti ddecidiet skont is-setgha li kellha taht l-Artikolu 28A(2)(b) tal-AL320 tal-2004

(improprjament indikat mill-intimati bhala S.L. 276.05) u dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi citati mill-intimati;

(2) l-ilmenti tar-rikorrent iridu jkunu indirizzati lejn ezami tal-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu tenut kont tal-gurisdizzjoni partikolari li ghandha l-Qorti Rimandanti;

(3) fl-ezami li jrid isir mhux permess ghal din il-Qorti li taghmilha ta' Qorti tal-Appell jew tat-tieni grad;

(4) jekk jirrizulta li s-smigh quddiem il-Qorti Rimandanti kien wiehed imparzjali u indipendenti ma jispettax lil din il-Qorti li tevalwa l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzjonijiet taghha u tezamina jekk dik il-Qorti kienitx gustifikata tasal ghal dawl l-istess konkluzjonijiet u tiehu d-decizjonijiet li kienet intitolata tiehu;

(5) ir-rikorrent ta l-kunsens tieghu ghat-treggiegh lura lejn l-Italja.

*Is-sentenza appellata*

Fis-sentenza taghha appellata l-ewwel Qorti, wara li rriproduciet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-gudizzju u tar-risposta fuq imsemmija u wara li ghamlet xi riljevi ta' natura procedurali dwar l-andament tal-kawza, ghamlet diversi kunsiderazzjonijiet li ser jigu hawn taht riprodotti ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell:
"Illi ir-rikorrenti, permezz tar-rikors kostituzzjonali illi ipprezenta, talab illi il-Qorti tiddikjara illi jekk ir-rikorrenti jigi deportat lejn l-Italja f'dan l-istadju ser jigu lezi id-drittijiet tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u talab ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi ir-rikorrenti ma ghandux jigi deportat sakemm ma jigux decizi finalment il-proceduri illi huwa ghandu quddiem il-Qrati Maltin.

"Ikkunsidrat :

“Illi l-intimati kellhom ragun jissottomettu fir-risposta taghhom illi ir-Regolament 28A jghid illi :

“Jekk Qorti tibghat persuna biex titqieghed taht att ta’ akkuza biex tistenna li titregga’ lura u jkun ghadu qed jitmexxa kontra dik il-persuna ghall-akkuzi msemmija fis-subartikolu (1), hija tista’ tikkonsenja temporanjament lill-persuna taht kundizzjonijiet miftehma bil-miktub ma’ l-awtorit’ li tkun harget il-mandat taht it-Taqsima II, u kien hekk illi ghamlet il-Qorti rimandanti meta iddecidiet skond l-Artikolu 28A(2)(b) tal-S.L. 276.05.

“Illi l-Qorti rat s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Claudio Porsenna vs Avukat Generali deciza minn din il-Qorti fis-6 ta’ April 2011, fejn il-Qorti qalet illi tqis li meta l-Konvenzjoni titkellem dwar il-jedd ta’ persuna li taccedi għal qorti imparzjali u indipendenti mwaqqfa b’ligi, dan ifisser li l-Konvenzjoni tiggarantixxi li l-każ ta’ dik il-persuna jinstema’ minn qorti moghnija b’dawk il-kwalitajiet. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-jedd ta’ access effettiv għal qorti f’każi ta’ proceduri kriminali tgħodd fiha l-jedd tal-persuna mixlija li tagħżel hi quddiem liema qorti jmissha tidher.

“Illi l-Qorti tara ukoll illi l-intimati ghandhom ragun jissottomettu illi meta ir-rikorrenti estradit ilmenta li ma inghatax smigh xieraq, mhuwiex il-kompitu ta’ Qorti f’Sede Kostituzzjonali li terga tiftah argumenti li diga gew decizi minn Qrati ohra, u f’dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Anthony Bartolo vs Kummissarju tal-Pulizija et, deciza fil-15 ta’ Lulju 2002, fejn il-Qorti qalet illi kull ezami li jrid isir dwar jekk kienx hemm ksur tal-principju ta' smiegh xieraq minn Qorti imparzjali jew indipendenti, u dana b'riferenza specifika f'dan il-kaz ghall-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jrid isir b'riferenza ghall-funzjoni ta' dik il-Qorti fil-materja in ezami.

“Ikkunsidrat :

“Illi una volta is-smigh quddiem il-Qorti rimandanti kien wiehed imparzjali u indipendenti, din il-Qorti ma tistax

tevalwa il-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzjonijiet taghha u tezamina jekk dik il-Qorti kienetx gustifikata jew le biex tasal ghal dawk l-istess konkluzjonijiet, ghaliex b'dan il-mod il-Qorti tkun qeghda tagixxi bhala Qorti ta' Appell jew tat-tieni grad, haga li din il-Qorti certament mhijiex ser taghmel.

"Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti odjern ta l-kunsens tieghu ghat-treggigh lura lejn l-Italja, u bhalma qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' April, 2011 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppe Lauretta, l-estradit ta' il-kunsens tieghu b'mod irrevokabbli. L-artikolu 15(5) tal-Kap 276 jipprovdi li jekk il-Qorti hija sodisfatta li persuna volontarjament accettat li tkun estradita, il-Qorti għandha tpoggiha taht kustodja sakemm tkun irritornat lura. Dan l-Artikolu jipprovdi wkoll illi ma jkun hemm l-ebda appell minn ordni tal-Qorti li bih tkun poggiet persuna taht kustodja f'kazijiet simili, u minn dan isegwi li lanqas biss ma jista jsir appell."

Wara dawn il-kunsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-appell tar-rikorrent Richard Cranston**

L-appellant Richard Cranston hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim'awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Gunju 2011 u interpona dan l-appell minnha permezz ta' rikors tal-20 ta' Gunju 2011 fejn talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata tal-1 ta' Gunju 2011 u konsegwentement tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-appellati.

L-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li l-ewwel Onorabbli Qorti ma fehmitx in-natura tal-lanjanza kostituzzjonali li ngiebet 'il quddiem minnu. Huwa jsostni li hu minnu li l-ligi taghti diskrezzjoni (mhux "deskrizzjoni") lill-Qorti tal-Magistrati biex tikkonsenja temporanjament lill-persuna taht kundizzjonijiet miftiehma bil-miktub ma' l-awtorita` li tkun harget il-mandat b'arrest izda jissottometti li dik il-Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha hazin meta ordnat li

huwa jitregga' lura lejn l-Italja ghaliex huwa kien kien insista mal-Qorti tal-Magistrati li ma kellhiex tordna li jitnehha minn Malta sakemm ma tigix finalment determinata l-kawza l-ohra li huwa kellu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati liema kawza kienet waslet fi stadju avvanzat u kienet fi stadju ta' difiza. Zied jghid illi huwa kellu xi xhieda barranin li ried jipproduci fil-kawza l-ohra in difeza u jekk dan ma jaghmlux fil-mument opportun dawn kienu ser jirritornaw lura lejn pajjizhom b'tali mod li d-difiza tieghu tigi ppregudikata. Huwa jilmenta li t-tnehhija tieghu minn Malta f'dan l-istadju se jippregudika process iehor li ghandu quddiem il-Qrati Maltin b'tali mod li ma jkunx aktar jista' jigi garantit lilu smigh xeriaq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Ir-risposta tal-intimati appellati**

L-intimati appellati wiegbu ghar-rikors tal-appell billi sostnew li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta u li din il-Qorti ghandha tirrespingi l-appell odjern billi tiddikjarah frivolu u vessatorju bl-ispejjez, inkluzi dawk doppji tal-istanti, kontra l-appellant Richard Cranston.

Inkwantu ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta tal-intimati dawn huma essenjalment l-istess ragunijiet moghtija minnhom fir-risposta taghhom ghar-rikors promotorju tal-gudizzju li gja` gew riassunti aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Fatti tal-kawza**

Fis-seduta ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju 2011 f'dan l-appell il-partijiet taw l-awtorizzazzjoni taghhom sabiex din il-Qorti taghmel riferenza ghall-proceduri tal-Mandat ta' Arrest Ewropew preseduti mill-Magistrat Joseph Apap Bologna u li gew konkjuzi fit-8 ta' April 2011 kif ukoll ghall-atti u provi fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Myriam Hayman li kienu jinsabu differiti ghal-20 ta' Lulju 2011, iz-zewg proceduri fil-konfront tar-rikorrent appellant. Ghalhekk sabiex jigu stabbiliti l-fatti relevanti ghar-rikors

odjern din il-Qorti ser taghmel ampja riferenza ghar-rizultanzi processwali f'dawk il-proceduri.

Fuq ordni tal-Avukat Generali tal-14 ta' Mejju 2009, ir-rikorrent appellant fil-15 ta' Mejju 2009 tressaq arrestat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja imputat tar-reati ta' pussess tad-droga kokajina u ta' pussess tal-pjanta Cannabis, fiz-zewg kazi f'cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Gie wkoll imputat b'pussess tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti *Tribunale Penale di Catania* tad-19 ta' Dicembru 2006.
L-istruttorja effettivament intemmet fis-6 ta' April 2010 meta l-Avukat Generali ghamel kontro-ordni ghat-tenur tal-Artikolu 31 tal-Kap. 101 u ordna li l-kaz tar-rikorrent appellant jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u wara dik id-data l-proceduri ssoktaw sommarjament.

Fis-seduta tal-15 ta' April 2010, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi u l-kawza giet differita ghat-18 ta' Gunju 2010 "ghad-difiza". Kien hemm diversi seduti li fihom ma sar xejn minhabba li s-seduta giet differita daqqa ghal raguni u daqqa ghal ohra ghalkemm saru numru ta' seduti ohra ghat-trattazzjoni ta' rikorsi li saru in konnessjoni mal-proceduri. Is-seduta li kellha ssir fl-24 ta' Mejju 2011 ghad-difiza tal-imputat Richard Cranston ma saritx peress li fuq ordni tal-Qorti is-seduta giet differita ghal-20 ta' Lulju 2011 f'liema data xehed l-imputat, u cioe` r-rikorrent appellant Richard Cranston, u l-kawza giet differita ghas-27 ta' Ottubru 2011. Fl-20 ta' Lulju 2011 wara li xehed Richard Cranston id-difiza tieghu ma rregistrat ebda verbal dwar xi provi li kien ghad baqalu jressaq u mill-verbal ma jirrizultax ghal-liema skop giet differita l-kawza ghas-27 ta' Ottubru 2011. Peress li fl-20 ta' Lulju 2011 il-kawza kienet "ghad-difiza" jidher li, fin-nuqqas ta' indikazzjoni aktar preciza, il-kawza tinsab differita ghas-27 ta' Ottubru 2011 ghall-kontinwazzjoni tad-difiza tal-imputat Cranston.

Fil-frattemp fis-16 ta' Marzu 2011, ir-rikorrent appellant tressaq arrestat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti

Rimandanti in segwitu` ta' Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mill-awtoritajiet kompetenti Taljani bil-ghan li r-rikorrent apellant jitregga' lura l-Italja sabiex ikompli jservi l-perjodu rimanenti ta' tliet snin u dsatax-il gurnata prigunerija ta' sentenza ghal reati estradibbli konsistenti fi traffikar f'narkotici. Dan sar ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Estradizzjoni Kap. 276 u tal-Avviz Legali 320 tal-2004.

Dakinhar instema' ufficjal spettur tal-pulizija li esebixxa diversi dokumenti u sar l-ezami tar-rikorrent appellant dwar il-konnotati personali tieghu. Ir-rikorrent appellant permezz tad-difensur tieghu ddikkjara li ma kienx qieghed jaccetta li jinghata f'idejn l-awtoritajiet Taljani. It-talba tar-rikorrent appellant ghall-helsien mill-arrest taht garanzija giet michuda mill-Qorti. Dakinhar ukoll il-Qorti kkonfermat l-identita` tar-rikorrent appellant bhala l-persuna li kontra taghha nhareg il-Mandat ta' Arrest Ewropew u ddiferiet il-proceduri ghat-23 ta' Marzu 2011. Eventwalment il-proceduri gew riappuntati ghat-22 ta' Marzu 2011.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu d-difiza talbet aktar zmien sabiex tikkonsulta mar-rikorrent appellant u l-Qorti ddiferiet il-kawza ghat-28 ta' Marzu 2011 wara li saret trattazzjoni dwar talba ghall-helsien mill-arrest fuq garanzija.
Fit-28 ta' Marzu 2011 kien hemm qbil bejn il-partijiet li pendenti f'Malta kien hemm proceduri kriminali ta' natura sommarja kontra r-rikorrent appellant in konnessjoni ma' imputazzjonijiet ta' traffikar ta' droga li kienu jinsabu differiti ghall-24 ta' Mejju 2011 ghall-provi tad-difiza. Inoltre, dakinhar ir-rikorrent appellant permezz tad-difensuri tieghu ddikjara li ma kienx qieghed jopponi l-estradizzjoni tieghu f'idejn l-awtoritajiet gudizzjarji relevanti. Il-Qorti Rimandanti kkonstatat il-volontarjeta` tad-dikjarazzjoni tar-rikorrent appellant li min-naha tieghu iddikjara irrevokabbli l-kunsens tieghu u li din id-decizjoni qed issir minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt li l-istess persuna kellha taht ir-regola ta' specjalita`.

Il-verbal imbghad ikompli kif gej:

*"The defense is also asking that the same person be kept in Malta until the proceedings are completed and that the same person be granted bail until the other proceedings are completed."*

F'din il-parti tal-verbal mhux specifikat ghal-liema proceduri qed issir riferenza u cioe` hux ghall-proceduri tal-Mandat ta' Arrest Ewropew jew hux ghall-proceduri kriminali Maltin li kienu pendenti f'Malta kontra r-rikorrent appellant u li kienu jinsabu differiti ghall-24 ta' Mejju 2011. Ma jidhirx li jista' jkun hemm dubbju, izda, li din il-parti tal-verbal taghmel sens biss jekk ir-riferenza hi ghall-proceduri kriminali li kienu jinsabu differiti ghall-24 ta' Mejju 2011. Huwa wkoll f'dan is-sens li l-Qorti rimandanti stess li quddiemha sar l-istess verbal fehmet din il-parti tieghu tant li fid-decizjoni taghha finali tat-8 ta' April 2011 f'dan ir-rigward tghid:

*"In this regard, the parties agreed that against the person criminal proceedings are pending before the Maltese Courts in connection with charges brought against him in connection with drug trafficking in Malta. In regard to these proceedings, the Court was informed that evidence is being produced by the person in his defence.*

*In view of this, the same person requested that he be kept in Malta until* <u>*the latter proceedings*</u> *are finalized and that he be granted bail until he can be actually sent back to Italy." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Fit-28 ta' Marzu 2011, il-Qorti Rimandanti ddiferiet il-proceduri ghad-decizjoni finali ghat-8 ta' April 2011 f'liema data l-Qorti Rimandanti tat id-decizjoni finali taghha li fiha rriteniet li ma kien hemm ebda htiega li t-treggiegh lura tar-rikorrent appellant lejn l-Italja jigi pospost u ghalhekk ordnat li r-rikorrent appellant jinzamm fil-kustodja sabiex jitregga' lura l-Italja skont il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Il-Qorti ordnat ukoll li appena r-rikorrent appellant ikun skonta s-sentenza tieghu l-Italja huwa kellu jintbghat lura Malta sabiex ikunu jistghu jitkomplew u jigu konkjuzi l-proceduri kriminali kontra tieghu f'Malta.

Ghalhekk ghalkemm ir-rikorrent appellant kien ta l-kunsens tieghu sabiex jitregga' lura l-Italja huwa kien qieghed isostni li l-Qorti Rimandanti kellha tezercita d-diskrezzjoni taghha favur li tordna l-posponiment tat-treggih tieghu lejn l-Italja sakemm jigu konkjuzi l-proceduri kriminali li kien hemm pendenti kontra tieghu f'Malta u li kienu jinsabu differiti ghall-24 ta' Mejju 2011 ghall-provi tad-difiza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Tenut kont tal-kwadru tal-fatti li rrizultaw ftit li xejn huma relevanti s-sentenzi citati mill-appellati u li fuqhom striehet ukoll l-ewwel Qorti.

Ma ghandux ikun hemm l-icken dubbju li inkwantu ghall-proceduri kriminali Maltin li kienu jinsabu differiti ghall-24 ta' Mejju 2011, u li llum jinsabu differiti ghall-21 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrent appellant ghandu d-dritt fundamentali ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli u l-Qorti Rimandanti kellha tara li d-diskrezzjoni li kellha vestita fiha bil-ligi tigi ezercitata konformement mad-drittijet fundamentali tar-rikorrent appellant.

Ma jidhirx li ghandu jkun hemm dewmien biex id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tat-8 ta' April 2011 tigi implimentata u dan ikun ifisser li l-proceduri kriminali f'Malta kontra r-rikorrent ma jkunux jistghu jissoktaw qabel dan jirritorna f'Malta anki ghar-raguni li f'Malta l-proceduri kriminali ma jistghux jissoktaw fl-assenza tieghu. Dan ifisser li ma jkunx jista' jsir aktar progress fil-proceduri kriminali msemmija ghall-perjodu kollu li r-rikorrent ikun l-Italja jiskonta s-sentenza tieghu u cioe` ghall-perjodu ta' tliet snin u dsatax-il gurnata. Ghalhekk il-proceduri kontra r-rikorrent ma jkunux jistghu jissokktaw qabel tal-anqas Ottubru 2014. Dan hu perjodu li fic-cirkostanzi, tenut kont ukoll tal-perkors tal-proceduri sal-lum, huwa irragjonevolment twil li matulu l-proceduri kriminali jibqghu wieqfa bla ma jsir ebda progress fihom. Naturalment ma jispettax lil din il-Qorti tissostitwixxi l-apprezzament tal-Qorti Rimandanti meta giet biex tezercita d-diskrezzjoni taghha u anqas ghandha din il-Qorti l-kompetenza li tezercita hi d-diskrezzjoni li tispetta lill-Qorti Rimandanti.

Din il-Qorti, izda, hi certament pjenament kompetenti li taghmel l-apprezzament taghha tal-konsegwenzi kostituzzjonali li jemanaw minn kif il-Qorti Rimandanti ezercitat id-diskrezzjoni taghha u jekk tirraviza li bhala konsegwenza jkun hemm ksur, jew li x'aktarx ikun hemm ksur, tad-drittijiet fundamentali tal-individwu din il-Qorti ghandha kompetenza shiha li taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha l-aktar opportuni biex jirrimedjaw dak il-ksur attwali jew probabbli, ukoll jekk dak ir-rimedju jkun jikkonsisti f'mizura li setghet hadet il-Qorti Rimandanti li izda dehrilha li hi ma kellhiex tiehu .

Anqas jista' jinghad li l-proceduri odjerni huma b'xi mod xi appell kontra d-dispost tal-Artikolu 15(5) tal-Kap. 276 peress li dawn il-proceduri manifestament jikkonsistu fi proceduri kostituzzjonali kif previst fl-Artikolu 16 tal-istess Kap li jipprevedi tali proceduri anki fin-nuqqas ta' possibbilita` ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali in virtu` tal-Artikolu 15(5) tal-Kap. 276 imsemmi.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-implementazzjoni tad-decizjoni tal-Qorti Rimandanti li ma tippostponix it-treggiegh lura lejn l-Italja tar-rikorrent appellant tikser jew x'aktarx ser tikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fil-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Richard Alistair Cranston** u li jinsabu differiti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Myriam Hayman.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost mill-appellant Richard Cranston billi tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali tal-1 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet **Richard Cranston v. Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali** u tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati appellati u b'hekk tilqa' t-talbiet tal-appellant Richard Cranston billi (1) tiddikjara li jekk ir-rikorrent jitregga' lura l-Italja f'dan l-istadju ser jigi lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fil-proceduri kriminali **Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina) v. Richard Alistair Cranston** li jinsabu differiti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Myriam Hayman kif sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2) tordna li l-esponent ma ghandux jigi rimandat l-Italja sakemm ma jkunx hemm sentenza finali fil-proceduri kriminali msemmija (3) tordna li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti tat-8 ta' April 2011 fl-ismijiet **The Police (Inspector Dr Mario Cuschieri) v. Richard Alistair Cranston** fejn ordnat li Richard Alistair Cranston jintbaghat lura l-Italja ghall-finijiet imsemmija fl-istess decizjoni ma ghandhiex tinghata effett hlief jekk tavvera ruhha xi wahda mic-cirkostanzi previsti fl-Artikolu 28A(2)(a)(i)(ii)(iii)(iv) tal-Avviz Legali 320 tal-2004 b'dan li l-ordni ta' dik il-Qorti li l-istess Richard Alistair Cranston ghandu fil-frattemp jibqa' jinzamm taht kustodja ghandu jibqa' fis-sehh sa ordni ohra kuntrarja ta' xi Qorti kompetenti u b'dan ukoll li l-istess decizjoni msemmija ma ghandu jkollha ebda effett safejn hi inkonsistenti ma' dak hawn deciz.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------